# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IS-SEBA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 481**

**It-Tnejn 21 t' Awwissu, 2017**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fis-6.10 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Marc Vella Bonniċi – Sindku
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Mark Grech – Kunsillier
Joseph Agius – Kunsillier
John J Pace – Kunsillier
Joseph Vella – Kunsillier
Brian Spiteri – Kunsillier
Anna Calleja – Kunsilliera
Julian Paul Scicluna – Kunsillier
Roderick Vella – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Joseph Bonnici – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv

## 481.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

481.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Joseph Bonnici fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Joseph Bonnici jkun skużat.

## 481.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

481.2.1 Il-minuti tal-480 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace.

## 481.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

481.3.1 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien ser ikollu jħallas lill-kumpanija *Elmo Insurance Limited* is-somma ta' €1,587.46 kif ukoll sabiex iħallas l-ispejjeż relatati mat-Tribunal għat-Talbiet Żgħar b'konnessjoni mat-talba għall-ħlas għall-ħsara li għamlet is-Sinjura Lucienne Meli fil-vettura tagħha fi Triq Wied il-Għajn.

481.3.2 Is-Sindku tkellem dwar il-preparamenti għall-festa u qal illi l-każini kienu ser ikunu qed jiġu nfurmati dwar il-ġbir tal-iskart matul il-ġranet tal-festa. Is-Sindku qal ukoll illi kienu saru diskussjonijiet dwar it-tindif li ser isir mill-kuntrattur responsabbli mill-knis u mal-kuntrattur responsabbli mill-ġbir tal-iskart domestiku sabiex jiġi assigurat li jkun hemm indafa fit-toroq tal-lokalità matul iċ-ċelebrazzjonijiet. Is-Sindku qal ukoll illi kien ser ikun hemm għoxrin *mobile toilet* li ser jinkrew u ser jitpoġġew f'postijiet differenti f'Ħaż-Żabbar. L-ispiża għal dawn il-*mobile toilets* ser tkun ta' €708.00.

481.3.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kien ser jispostja l-posti li jarmaw bit-*toys* fi Triq is-Santwarju sabiex ma jkunx hemm ingombru u inkonvenjent matul il-marċ tal-festa.

481.3.4 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li jingħata permess għat-tqegħid ta' *bar* ġdid fi Triq is-Santwarju quddiem il-ħanut Conimex, kif ukoll għal tqegħid ta' *bar* ġdid f' Misraħ tal-Madonna Medjatriċi quddiem il-ħanut Sphinx Pastizzerija.

481.3.5 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li ma jilqax it-talba ta' *one time event* għal permess ta' tqegħid ta' *bar* ġdid f'Misraħ is-Sliem.

481.3.6 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi *Big Bun Caterer* kien irrifjuta li jipprovdi l-ikel tar-riċeviment tal-festa. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-ikel għar-riċeviment jiġi ordnat mingħand *D Xquisite Caterer.*

481.3.7 Is-Sur Julian P Scicluna talab sabiex il-Kunsill jitlob lil *Bonnici Bros,* il-kuntrattur responsabbli mix-xogħol ta' *resurfacing* fi Triq il-Kunvent, sabiex ineħħi l-kurduni li tħallew fl-għalqa faċċata tal-għassa tal-Pulizija.

481.3.8 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kien inbeda x-xogħol ta' *resurfacing* fi Triq Hompesch.

481.3.9 Is-Sur Joseph Vella rrefera għall-*press release* li dehret fuq il-mezzi tax-xandir relatata mas-servizz tal-*bus shuttle* minħabba x-xogħol ta' *resurfacing* fi Triq il-Kunvent u talab sabiex il-Kunsill jibgħat jinforma lill-m*edia* illi x-xogħol kien ser isir fi Triq Hompesch u fi Triq il-Lunzjata u mhux fi Triq il-Kunvent.

481.3.10 Is-Sur Roderick Vella qal illi flimkien mal-*press release* kienet dehret *site plan* li tindika fejn kien ser isir ix-xogħol ta' *resurfacing*.

481.3.11 Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex Triq Ġanni Bonavia ssir temporanjament *one way* sakemm jitlesta x-xogħol ta' *resurfacing* fi Triq Hompesch

Ħatra ta' Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Kwotazzjoni għall-akkomodazzjoni taż-żgħażagħ għall-proġett *My Europe Our Future* (ZLCQT 001/2017)

481.3.12 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jinħatar Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-kwotazzjoni għall-akkomodazzjoni taż-żgħażagħ għall-proġett *My Europe Our Future* (ZLCQT 001/2017). Dan il-Kumitat għandu jkun kompost mis-Sindku bħala Chairperson, mil-Agent Segretarju Eżekuttiv, mis-Sur Mark Grech, mis-Sur Joseph Vella u mis-Sinjura Maria Livori.

Ħatra ta' Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti tal-Manutenzjoni u *Resurfacing* ta' Toroq (ZLC 002/2017)

481.3.13 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li jinħatar Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-offerti tal-Manutenzjoni u *resurfacing* ta' toroq (ZLC 002/2017). Dan il-Kumitat għandu jkun kompost mis-Sindku bħala *Chairperson*, mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv, mis-Sur Joseph Buttigieg, mis-Sur Robert Buhagiar u mill-Perit George Buhagiar.

Ħatra ta' Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti għal Xiri ta' Konkos, Kaptelli u Kurduni (ZLC 004/2017)

481.3.14 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li jinħatar Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-offerti għal-xiri ta' konkos, kaptelli u kurduni (ZLC 004/2017). Dan il-Kumitat għandu jkun kompost mis-Sindku bħala *Chairperson*, mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv, mis-Sur Joseph Buttigieg, mis-Sur Robert Buhagiar u mill-Perit George Buhagiar.

Ħatra ta' Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti għall-Ġbir ta' Skart Goff (ZLC 003/2017)

481.3.15 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li jinħatar Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-offerti għall-ġbir ta' skart goff (ZLC 003/2017). Dan il-Kumitat għandu jkun kompost mis-Sindku bħala Chairperson, mil-Agent Segretarju Eżekuttiv, mis-Sur Brian Spiteri, mis-Sur Robert Buhagiar u mis-Sur Roderick Vella.

481.3.16 Is-Sur Joseph Vella talab sabiex il-Kunsill jiċċekkja f'hiex waslet l-applikazzjoni sabiex tiġi *resurfaced* Triq Ħas-Sajjied taħt l-iskema għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali 2014-2020.

481.3.17 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kumitat tal-Ismijiet tat-Toroq kien għadu ma ltaqax sabiex jiddiskuti l-isem il-ġdid għal Triq Bormla, il-parti li tagħti għaż-Żejtun.

481.3.18 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Julian P Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li jiġu organizzati korsijiet tal-mużika u jinxtraw strumenti mużikali sabiex jintużaw mill-istudenti.

481.3.19 Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet min kien ser iħallas għall-ħsarat tal-istrumenti mużikali. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Roderick Vella, il-Kunsill qabel unanimament li l-ħsara tal-istrumenti tissewwa mill-istudent li jkun qed juża l-istrument mużikali.

**481.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

481.4.1 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa x'kien ser isir fl-attività li l-Kunsill kien ser jorganizza flimkien mal-iskola. Is-Sur Joseph Vella qal illi fil-31 t'Awwissu kienet ser issir sessjoni tal-qari fil-librerija tal-Kunsill flimkien ma' Skola Sajf tal-Kulleġġ Santa Margerita, Skola Primarja B, Ħaż-Żabbar. Is-Sur Joseph Vella qal ukoll illi kienu ser jinxtraw fliexken tal-ilma u *cereal bars* għal erbgħin student għal din l-attività.

481.4.2 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk kinux ser ikunu lesti l-arbli tal-bnadar ta' Misraħ tal-Madonna Medjatriċi. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv.

481.4.3 Is-Sur Joseph Buttigieg reġa' tkellem dwar in-numru ta' bozoz mitfija fi Triq is-Santwarju u f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi u talab li jiġu rranġati qabel il-ġranet tal-festa. Is-Sindku qal illi l-bozoz kienu ser jiġu rranġati fil-ġranet li ġejjin.

481.4.4 Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex issir *road hump* fi Triq Alessio Erardi fil-viċinanzi ta' *Doris Store*. Is-Sindku qal illi diġa kienet saret *road hump* fi Triq Alessio Erardi ftit tal-ġranet ilu.

481.4.5 Is-Sur Joseph Buttigieg talab biex il-Kunsill javża lill-bejjiegħa tal-kjosks sabiex jieħdu ħsieb li ż-żona fejn ser jiġu armati l-gabbani tinżamm nadifa.

481.4.6 Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex issir *refresh* taz-*zebra crossing* li hemm fi Triq is-Santwarju fil-viċinanzi tal-Mużew tas-Santwarju.

481.4.7 Is-Sinjura Anna Calleja qalet li r-residenti ta' Triq G Agius Muscat kienu qed jilmentaw li kien qed ikollhom joħorġu l-borża tal-iskart tagħhom fil-ħamsa ta' filgħodu peress illi l-ġbir ta' skart domestiku kien qed jinġabar kmieni ħafna. Is-Sur Mark Grech qal illi l-ġbir tal-iskart jibda minn Triq il-Marloċċ fis-sebgħa nieqes kwart ta' filgħodu u li l-ġbir ta' skart minn Triq G Agius Muscat kien isir wara.

481.4.8 Is-Sinjura Anna Calleja qalet li l-ġbir ta' skart riċiklabbli ma kienx inġabar minn Triq G Agius Muscat.

481.4.9 Is-Sinjura Anna Calleja semmiet il-bżonn li jsir *refresh* ta' *stop sign* li hemm fi Triq ix-Xgħajra qabel ma toħroġ għal Triq Wied il-Għajn.

481.4.10 Is-Sinjura Anna Calleja rreferiet għaċ-ċirkolari AKL 42/2017 - Kollaborazzjoni mal-Kummisjoni Kontra l-Vjolenza Domestika f'Sensiela ta' Attivitajiet u qalet li fit-2 ta' Diċembru 2017, flimkien mas-Sur John J Pace, kienet ser torganizza attività bl-isem 'Għaqda fil-Familja' li fiha kien ser ikun hemm attivitajiet għat-tfal, kant u *talk* edukattiv minn rappreżentat ta' Dar Merħba Bik fis-Sala Notre Dame. Is-Sur Roderick Vella ssuġġerixxa li tittella' *role play* matul din l-attività.

481.4.11 Is-Sur John J Pace talab biex il-Kunsill jitlob lill-Arċipriet sabiex tintuża Sala Notre Dame mingħajr ħlas għall-attività kontra l-vjolenza domestika.

481.4.12 Is-Sinjura Anna Calleja qalet ukoll illi l-Kunsill kien qed jiġi mitlub li jixgħel post ta' nteress fil-lokalità għal tliet sibtijiet matul il-perjodu tal-attività. Fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jixgħel Misraħ tal-Madonna Medjatriċi bħala parti mill-attività kontra l-vjolenza domestika.

481.4.13 Is-Sur Joseph Vella talab li jsir *traffic managment* fi Triq Dun Victor Cilia peress illi kien hemm periklu għas-sewwieqa.

481.4.14 Is-Sur Joseph Vella talab li jingħata wiċċ bil-konkos f'għalqa li hemm fi Triq ix-Xgħajra ma' Triq il-Kapuċċini.

481.4.15 Is-Sur John J Pace qal illi matul il-ġranet tal-festa Triq tal-Labour tkun magħluqa għat-traffiku. Is-Sur John J Pace talab sabiex il-persuni li jagħmlu użu minn *wheel chair* jitħallew jgħaddu bil-vetturi tagħhom minn Triq tal-Labour. Is-

Sindku talab lis-Sur John J Pace sabiex jiddiskuti dan is-suġġeriment flimkien mal-Pulizija.

481.4.16 Is-Sur Joseph Agius qal illi l-attività li organizza għall-persuni b'diżabilità kienet ta' suċċess.

481.4.17 Is-Sur Joseph Agius qal illi kien hemm ir-*railing* maqlugħ fi Triq il-Kunvent ma' Triq Felice.

481.4.18 Is-Sur Joseph Agius talab li jiġu rranġati ħofor li hemm fi Triq Spadaro.

481.4.19 Is-Sur Joseph Agius irringrazzja lill-Kunsill peress illi l-ħofor li kien hemm fi Triq Strickland kienu ġew irranġati.

481.4.20 Is-Sur Joseph Agius irrefera għad-diskors tas-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali u Komunitajiet u staqsa jekk il-Kunsill kellux informazzjoni dwar l-għajnuna li kienet ser tingħata lill-Kunsilli Lokali. Is-Sur Roderick Vella qal illi fil-futur kienet ser tinħoloq assoċċjazzjoni sabiex il-Kunsilli Lokali ikunu jistgħu jibbenifikaw minn fondi addizzjonali.

**481.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

481.5.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill approva unanimament ix-*schedule of payments* għall-perjodu 7 t'Awwissu 2017 sal-21 t'Awwissu 2017 li kien jammonta għal €64,036.45.

481.5.2 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Mark Grech, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Lulju 2017 li kien jammonta għal €97.90.

**481.6 Mozzjonijiet**

481.6.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**481.7 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

481.7.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.00 ta' filgħaxija. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 18 ta' Settembru, 2017.

IFFIRMATA

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-482 laqgħa li saret nhar it-Tnejn 2 ta’ Ottubru, 2017.

IFFIRMATA

Marc Vella Bonnici
Sindku